MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 66

1 ta' Novembru 2016

Minuti tas-seduta Nru. 66 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.4.2. tas-seduta ta' qabel u talab li din tinqara kif ġej:

*"2.4.1. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u qal li t-twessiegħ tal-ispazju bejn il-buildouts ta' Triq Għajn Żejuna ħalla riżultati tajbin, iżda fil-każ ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra, fl-opinjoni tieghu, dawn ġew imċekkna wisq, bir-riżultat li diġa kien qiegħed isir ipparkjar ħdejhom. Dan jista' joħloq aktar periklu, iżda l-effett jinħass iżjed kemm-il darba jsiru double yellow lines fuq in-naħa ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq Għajn Żejtuna, u jinkludu wkoll il-periferija tal-istess buildouts sa Triq il-Kbira.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 65, li saret fil-11 ta' Ottubru 2016, ġew approvati u ffirmati bl-emenda skont il-minuta 1.1. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li l-minuti kif emendati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti Milied2016

### 2.1.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2016 – Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (T/4/6/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li r-rapport tekniku tal-perit kien għadu ma ġiex sottomess.

2.1.3. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jiġi nkluż fl-aġenda tas-seduta li jmiss.

**2.2.1. Użu tal-*bring-in sites*** **(K/6/10/Vol III)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.6. tas-seduta preċedenti u għarraf li nħarġet *purchase order* sabiex jingħata servizz ta' sorveljanza permezz ta' CCTV *camera* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għal perjodu ta' sitt xhur bi prova.

2.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.3.1. Ħarġa kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li l-ħarġa li kellha ssir fl-20 ta' Ottubru 2016, lejn Għawdex kellha titħassar minħabba l-maltemp u issa ġiet iffissata għas-17 ta' Novembru 2016.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Sessjonijiet tal-*aerobics*** **(E/3/1/11/Vol II)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 17.2. tas-seduta ta' qabel u qalet li l-kors tal-*aerobics* ser jitkompla xorta waħda b'arranġament dirett mal-*instructor,* filwaqt li s-sessjonijet jistgħu jibqgħu jsiru fis-sala tal-Kunsill.

2.4.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġament.

**3.0. Tqegħid ta'Karti**

- *Purchase Request Form* – 28/10/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-Petty Cash – 17/09/16 – 10/10/16
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 11/10/16 – 25/10/16
- Skeda ta' Pagamenti – 08/10/16 – 28/10/16;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rapport Amministrattiv 2015.

**4.0. Korrispondenza**

**4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Marfa** **(T/3/3/Vol V)**

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Ottubru 2016, mibgħuta mill-operatur ta' Luna Holiday Complex, fejn inġibdet l-attenzjoni dwar sewqan b'veloċità qawwija fi Triq il-Marfa, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara. Dan minkejja li jkun hemm preżenza pedonali sostanzjali minħabba n-numru ta' stabbiliment li hemm fl-istess parti tat-triq.

4.1.3. Il-Kunsill osserva li ma jistgħux isiru *speed humps* fi triq distributorja bħalma hija Triq il-Marfa, filwaqt illi osserva li bil-vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tagħha, jibqa' spazzju eżatt għal żewġ karreġġjati għad-direzzjonijiet opposti.

**4.2.1. PC 0062/16 – Bdil fl-iskema fi triq ġdida fiż-żona Ta' Masrija** **(P/5/1/Vol IV)**

4.2.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija hawn fuq li tinvolvi tnaqqis ta' parti minn spazju privat minħabba raġunijiet estitiċi u hekk ikun jista' jinbena.. L-iskema attwali kienet approvata permezz ta' applikazzjoni PC 0046/13.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhomx jinħolqu preċedenti, fis-sens li l-iskema kif approvata permezz ta' PC 0046/13 għandha tibqa' tiġi osservata, primarjament sabiex ma tiżdiedx aktar id-densità tal-bini.

**4.3.1. Mużew dwar it-tkabbir tal-għasel** **(P/10/3A)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Ottubru 2016 mibgħut mit-Taqsima tal-Agrikoltura fl-Università ta' Malta, li qed tħejji applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett taħt il-programm

tal-Unjoni Ewropea - Koperazzjoni Territorjali – Italia – Malta, li jittratta l-ħolqien ta' mużew fl-irziezet ta' Selmun, dwar il-produzzjoni tal-għasel. Fl-istess korrispondenza ntqal li oriġinarjament kien ippjanat li l-Kunsill tal-Mellieħa jkun involut f'*Work Package* 1 (Tmexxija u Kordinazzjoni) u WP 2 (Tixrid ta' Informazzjoni u twaqqif tal-Mużew). Billi skont il-linji gwida tal-Programm INTERREG Italja-Malta, kull imsieħeb irid ikun involut mill-inqas fi tliet *work packages,* ġie ssuġġerit li l-Kunsill jidħol ukoll għall-WP3, li essenzjalment jinvolvi l-akkwist ta' numru ta' imġiebaħ tan-naħal għall-Park tal-Majjistral.

4.3.3. L-imsieħeb ewlieni fil-proġett għarraf ukoll, permezz ta' imejl datat 31 ta' Novembru 2016, li l-baġit allokat fl-applikazzjoni għall-*work packages* imsemmija ser ikun ta' €66,758.40 li €56,744.64 minnhom jitħallsu mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), filwaqt li €10,013.76 jrid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill. Ġiet allokata s-somma ta' €10,940.00 biex tagħmel tajjeb għax-xogħol li jsir mill-impjegati tal-Kunsill fuq dan il-proġett. Ħamsa u tmenin fil-mija ta' din is-somma huwa rikoverabbli mill-programm.

4.3.4. Il-Kunsill approva dan it-tibdil.

## 4.4.1. Konġestjoni ta' traffiku f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XIV)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Ottubru 2016, mibgħut minn Transport Malta dwar petizzjoni li saret minn tmenin firmatarju sabiex Dawret it-Tunnara, bejn Triq il-Marfa u Triq it-Trill, issir *one-way* peress li ma tippermettix li jkun hemm ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tagħha flimkien ma' traffiku għaddej fiż-żewġ direzzjonijiet.

4.4.3. Is-Segretarju għarraf li Transport Malta approvat l-iskema proposta mill-Kunsill, li tinvolvi illi:

- Triq il-Qarnit issir *one-way* fid-direzzjoni ta' Triq is-Sajjieda;
- Triq is-Sajjieda ssir *one-way* fid-direzzjoni ta' Dawret it-Tunnara;
- Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill issir *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq it-Trill; u
- Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq il-Marfa tibqa' *two-way*.

4.4.4. Il-Kunsill approva l-implimentazzjoni tal-iskema.

## 4.5.1. Inċident fi Triq il-Kbira u allegat danni (D/5/Vol II)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 31ta' Ottobru 2016, mibgħuta minn Gauci Maistre Advocates f'isem Jane Camilleri li qed tallega li korriet wara li tfixklet u waqgħet waqt li kienet qed taqsam fuq il-*pelican crossing* li hemm fi Triq il-Kbira, qrib il-kantuniera ma' Triq l-Etna. L-inċident ġara sentejn qabel, fis-16 ta' Novembru 2014.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li jgħaddi din it-talba lill-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopriħ.

## 4.6.1. Koperazzjoni mal-Muniċipalità ta' Stara Pazova fis-Serbja (K/1/5/5)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 19 ta' Ottubru 2016, mibgħut mis-Serbian Information & Culture Center fejn aċċennaw għaż-żjara ta' familjarizzazzjoni li kienet saret minn delegazzjoni mill-Kunsill fi Stara Pazova fis-Serbja bejn l-4 u d-9 ta' April 2016. L-istess imejl saret il-mistoqsija dwar jekk il-Kunsill għandux l-intenzjoni li jirreċiproka billi jistieden delegazzjoni ta' tliet uffiċjali, fosthom is-Sindku ta' Stara Pazova, is-Sur Djordje Radinovic.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' it-talba, filwaqt li aċċetta wkoll li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni meħtieġa għal tliet membri tad-delegazzjoni. Kien hemm qbil ukoll li ż-żjara għandha sseħħ bejn it-8 u t-12 ta' Diċembru 2016 waqt il-perjodu ta' Milied Mellieħi, kif ukoll waqt il-Konferenza *"Small Markets at the Heart of the European Economy"*.

**4.7.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2016 (N/1/Vol II)**

4.7.1. Inqrat ittra datata 16 ta' Ottubru 2016, mibgħuta mill-Moviment Kerygma, fejn il-Kunsill intalab iressaq in-nominazzjoni tiegħu għall-premju msemmi hawn fuq.

4.7.2. Il-Kunsill iddeċieda li għandha titressaq in-nomina lill-Mellieħa Youths sabiex tkompli tiġi rikonoxxuta l-ħidma tagħhom fost iż-żgħażagħ tal-parroċċa, kif ukoll l-inizjattiva li jieħdu kull sena sabiex isiru żjarat għall-morda ġewwa Lourdes.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 28 ta' Ottubru 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqu żewġ skedi ta' infieq permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn is-17 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru 2016 u oħra bejn il-11 u l-25 ta' Ottubru 2016

6.3. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-8 u t-28 ta' Ottubru 2016.

6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rtira mid-diskussjoni ta' Iskeda tal-Pagamenti minħabba parentela mal-fornitur marbut mal-pagament 060-11-13.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.6. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Innu tal-Mellieħa (K/2/10)

7.2. Is-Sindku għarraf li fit-3 ta' Ottubru 2016 saret laqgħa mad-diriġenti tal-għaqdiet mużikali dwar is-suġġett t'hawn fuq. Attendew għaliha s-Sinjuri J. Borg mill-Għaqda Mużikali Imperial, J. Debono mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, u P. Mifsud u J. Cauchi mis-Società Filarmonica La Vittoria. Attendew ukoll, flimkien miegħu, il-Viċi Sindku C. Bartolo u s-Segretarju C. Debono, filwaqt li l-Kunsillier E. Bartolo ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' safar. Kompla jgħid li din il-laqgħa saret bħala konsultazzjoni dwar il-kitba u l-kompożizzjoni tal-innu, in vista tal-esperjenza li dawn l-għaqdiet għandhom f'dan il-qasam.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-fehma ġenerali ta' dawk preżenti kienet li:

a) L-innu ma jkunx itwal minn minuta u nofs, peress li f'okkażjoni waħda jista' jindaqq flimkien ma' innijiet oħra (eż: l-Innu Malti, tal-Ewropa, tal-għaqda mużikali li tkun qed teżigwixxi l-programm, eċċ);

b) Il-mużika jeħtieġ li tkun addattata biex tindaqq fuq il-pjanu, minn banda, u orkestra;

c) Il-kliem u l-mużika jintgħażlu wara li jsir konkors fuq bażi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-livell ikun l-għola possibbli;

d) It-tema li tintuża fil-lirika titħalla f'idejn il-kompetituri;

e) Il-kriterji li fuqhom jiġu msejsa s-sottomissjonijiet, għandhom jsiru mill-Kunsill;

f) Kompożituri u l-awturi li b'xi mod huma msieħba, jew assoċjati ma' għaqdiet mużikali fil-Mellieħa, għandhom jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fil-konkors;

g) Għal fini ta' evalwazzjoni mill-Bord tal-Għażla, is-sottomissjonijiet li jinvolvu l-lirika u l-mużika għandhom jsiru b'mod separat, minkejja li jeżistu kompożituri u awturi li jipproduċu xogħlijiet flimkien;

h) Is-sottomissjonijiet li jsiru jingħataw numru ta' referenza, jew *nome de plume* mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, eżattament fid-data u l-ħin tal-għeluq, sabiex minn jagħmel l-evalwazzjoni ma jkunx influwenzat bl-ebda modd fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu;

i) Wara li tagħlaq is-sejħa, jinħatar Bord tal-Għażla kompost minn persuni li ma jkollhomx konflitt ta' interess, filwaqt li jippossjedu r-rekwiżiti meħtieġa biex jevalwaw is-sottomissjonijiet.

7.4. Is-Sindku stieden lill-membri kollha tal-Kunsill jagħtu l-opinjoni tagħhom rigward il-punti msemmija fil-minuta 7.3.

7.5. Il-Kunsillier J. Gauci kkummenta li m'għandhomx jiġu esklużi persuni li għandhom l-għeruq tagħhom fil-Mellieħa, iżda attwalment qiegħdin joqgħodu f'lokalitajiet oħra, jew barra minn Malta.

7.6. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li s-sottomissjonijiet isiru biss minn persuni residenti fil-Mellieħa, jew ikunu imsieħba f'xi għaqda mużikali bbażata fil-lokalità.

7.7. Il-Kunsillier D. Vella esprima l-fehma li s-sottomissjonijiet għandhom jitħallew isiru minn Melleħin biss, għaliex apparti s-sodisfazzjoni personali, hemm il-fattur illi wieħed qed jipproduċi xogħol intiż biex toħroġ l-identità ta' raħal twelidu, u għalhekk jagħmlu aktar mill-qalb.

7.8. Il-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillieri E. Bartolo, A. Brincat Stellini u P. Cutajar urew li huma jaqblu li l-konkors ikun miftuħ fuq bażi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat l-għola livell possibbli. Il-Kunsillier J. Attard mar lill'hinn minn hekk u qal li m'għandux ikun hemm restrizzjonijiet biex jiġu kkunsidrati sottomissjonijiet ġejjin minn pajjiżi oħra (eż: emigranti Maltin, eċċ).

7.9. Wara li nstemgħu l-opinjonijiet tal-membri kollha preżenti, kien hemm qbil li s-sotto-kumitat għandu jerġa jiltaqa biex jitfasslu l-kriterji li fuqhom isiru s-sottomissjonijiet. Il-laqgħa ġiet appuntata għas-7 ta' Novembru 2016 fis-7.00pm.

## 8.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerent is-Sur Paul Cardona talab lill-Qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni sabiex ma ssirx sejħa ġdida għall-offerti, skont kif ġie deċiż fis-seduta preċedenti indikat mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Dan għar-raġuni li jippreġudika d-drittijiet tiegħu kif sanati mid-deċiżjoni tal-Bord tal-11 ta' Marzu 2016.

8.3. Is-Segretarju għarraf li l-mandat ġie kkunsidrat mill-Qorti fit-28 ta' Ottubru 2016 quddiem l-Imħallef Mark Chetcuti. Minkejja li l-Qorti kienet tal-fehma li l-Kunsill huwa kostrett li jagħmel is-sejħa, fid-dawl tal-kjarifika mogħtija mill-istess Bord, fil-konfront tal-appell li sar mis-Sur Cardona, dehrilha li tali kjarifika ma kellhiex tingħata bil-mod kif ingħatat, permezz ta' imejl.

8.4. Il-Qorti ġiet infurmata wkoll li l-Kunsill talab lill-Bord, permezz ta' ittra ġudizzjarja, sabiex jagħti tweġiba formali (mhux permezz tal-imejl). Il-Bord naqas li jagħmel dan.

8.5. Fid-dawl tal-fatti li saret referenza għalihom, il-Qorti approvat l-ħruġ tal-mandat mitlub mis-Sur Cardona. Is-Segretarju għaldaqstant ippropona sabiex kopja tas-sentenza għandha tintbagħat lill-Bord bl-isperanza li dan jifformalizza l-kjarifika tiegħu, skont ma' indikat mill-Qorti.

8.6. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 7.5 aktar 'il fuq.

8.7. Is-Segretarju qal li huwa talab parir legali dwar kif il-Kunsill għandu jottjeni s-servizz fid-dawl tal-fatt li l-kuntratt tal-latrini skada u l-kuntrattur qed jitlob rati riveduti. Il-parir li ngħata kien li s-servizz jinkiseb bir-rati riveduti, sakemm dawn ma jeċċedux dawk mitluba mill-offerent preferut mill-Kunsill, wara li saret l-evalwazzjoni tas-Sejħa Nru. 8/2016.

8.8. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija aktar 'il fuq, filwaqt li qabel illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jiġi mgħarraf bis-sitwazzjoni.

**9.1. Sejħa għall-istimi dwar lid-Disinjar taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)**

9.2. Is-Segretarju rrefera għas-sejħa għall-istimi (MLC Quote 4/2016) dwar is-servizz imsemmi hawn fuq. Huwa qal li kien hemm rispons minn offerent wieħed, li kkwota kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz bil-VAT eskluża |
|---|---|
| Createit Studio | €3,850.00 |

9.3. Is-Sindku għarraf li qabel is-seduta saret laqgħa tal-evalwaturi li raw is-sottomissjonijiet li saru u rriżulta li s-sottomissjonijiet kienu kompatibbli mar-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tas-sejħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerent għandu l-kapaċità professjonali biex jagħmel ix-xogħol mitlub, bis-servizzi ta' żewġ periti u żewġ *interior designers,* li l-kwalifiki tagħhom ġew speċifikati mas-sottomissjonijiet li saru.

9.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li evalwaturi għandhom ikomplu l-proċess tal-evalwazzjoni permezz tal-e-PPS u tinħareġ *purchase order* bil-għan li jinbeda x-xogħol bla dewmien.

**10.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għall-offerti dwar l-akkomodazzjoni u l-ikliet ta' filgħaxija għalqet fl-24 ta' Ottubru 2016 u r-rispons għaliha kien kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz bil-VAT eskluża |
|---|---|
| Culture3Sixty Ltd | €11,353.60 |
| Event Planner Co. Ltd | €12,380.00 |
| Susites Ltd | €17,060.00 |

10.3. Il-Kunsill ħa nota tal-prezzijiet ikkwotati u ddelega lis-Sindku J. Buttigieg, lill-Viċi Sindku C Bartolo, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju C. Debono sabiex jaraw id-dokumentazzjoni kollha sottomessa u fejn ikun hemm nuqqas ta' informazzjoni, jintalbu l-kjarifiki meħtieġa. Kien hemm qbil li ssir laqgħa għal dan il-għan fit-3 ta' Novembru 2016.

10.4. Is-Sur C. Bartolo ppropona li l-konferenza ssir fil-Pergola Club Hotel fil-Mellieħa, filwaqt li l-programm ikun imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| 8 ta' Diċembru | • Wasla tad-delegati<br>• Kunċert fil-Knisja tal-Manikata |
| 9 ta' Diċembru | • Tiftaħ il-konferenza<br>• Diskors ta' merħba mis-Sindku J. Buttigieg<br>• Ħarsa lejn il-Programm Europe for Citizens minn uffiċjal tal-MEUSAC<br>• Preżentazzjonijiet grafiċi u analiżi ta' swieq żgħar fil-muniċipalitajiet parteċipi<br>• Diskussjoni bejn il-*panel* tal-kelliema<br>• Waqfa għall-ikel fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial |

| | |
|---|---|
| | • Żjarat f'intrapriżi zgħar illi jinsabu fil-lokalità li jkopru s-setturi tat-Turiżmu, l-Agrikoltura u s-Servizzi.<br>• Parteċipazzjoni fil-Villaġġ tal-Milied |
| 10 ta' Diċembru | • Żjara lil numru ta' negożji u intrapriżi żgħar li joperaw fil-Mellieħa fis-setturi tat-turiżmu, l-agrikoltura, il-manifatturi u s-servizzi<br>• Waqfa għall-ikel fis-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria<br>• *Workshops* – Diskussjoni dwar in-negożji u l-intrapriżi nklużi fiż-żjara li tkun saret filgħodu li tkun bejn is-Sindki, l-esperti u n-nies tan-negożju preżenti<br>• Ikla ta' filgħaxija<br>• Parteċipazzjoni fil-Villaġġ tal-Milied |
| 11 ta' Diċembru | • Tkompli l-konferenza bis-sehem ta' Membri Parlamentari Ewropej u dawk li jfasslu l-politika, b'diskorsi bit-tema – "Iż-Żamma ta' negożji fiċ-ċentru tal-Unjoni Ewropea"<br>• Diskorsi tal-għeluq tal-konferenza mis-Sindki preżenti<br>• Il-pass li jkun imiss – Il-konferenza f'Vecpielbalgas fil-Latvia<br>• Ikla ta' nofsinhar<br>• Ħin liberu għad-delegazzjonijiet<br>• Ikla ta' filgħaxija<br>• Parteċipazzjoni fil-Villaġġ tal-Milied |

10.5. Is-Sur C. Bartolo ppropona li apparti l-Membri Parlamentari Ewropej, għandhom jiġu mistiedna kelliema bħal Ministru tal-Ekonomija, l-Investiment u Negozji Żgħar l-Onor. Chris Cardona u mill-GRTU – Malta Chamber of Small and Medium Enterprises.

10.6. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-programm sottomess, kif ukoll mal-kelliema proposti.

10.7. Kien hemm qbil ukoll li d-delegazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati waqt iż-żjara tagħhom mill-kunsillieri, kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku J. Buttigieg | Aquaviva Delle Fonti, Casalborgone, Cavriglia (Italja), |
| Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini | Delegazzjoni minn Suwalka (Polonja) |
| Il-Kunsillieri E. Bartolo u P. Cutajar | Delegazzjonijiet minn Pargaujas Novads, Vecpiebalgas, Amata (Latvia), |
| Il-Kunsillier J. Gauci | Delegazzjoni ta' Cugir (Rumanija) |
| Il-Kunsillier H. Fenech | Adenau (Ġermanja) |

## 11.1. L-effett tal-*fish farm* tal-Bajja tal-Għadira fuq ix-xtut tal-madwar (T/8)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo beda d-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi għamilha ċara li l-preokkupazzjoni tiegħu hija iktar rigward il-karkassi tal-ħut li qed jispiċċaw fuq ix-xtut, iktar mill-effett li jħallu l-*fishfarms per sè*. Kompla jgħid li dawn għandhom jinħarġu aktar ʻil barra fil-baħar 6 kilometri minflok kif jinsabu attwalment f'distanza ta' 3 kilometri. Dan anke biex titnaqqas il-possibiltà li jiġri dak illi ġara fl-aħħar jiem. Huwa qal ukoll li konxju tal-fatt li l-impjegati mal-*fishfarms* li jinsabu fit-tramuntana, kif ukoll dawk tax-xlokk, għandhom jiġu allokati żoni qrib kemm jista' ikun l-post fejn għandhom l-operazzjoni tagħhom fuq l-art sabiex il-ħaddiema ma jiżdiedilhomx it-traġitt fuq l-art.

11.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-karkassi li daħlu fix-xtut mhux neċessarjament kienu ġejjin minn operazzjonijiet legali, minkejja li l-ħut ikun inqabad minn *fishfarms* bil-permess.

11.4. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa mas-Sur Charles Azzopardi, l-operatur tal-*fishfarm* tat-tonn fit-tramuntana, fejn għarrfu li mhux l-ewwel darba li jkun hemm minn jabbuża u jmur jistad qrib il-gaġġeġ u meta jindunaw li ser issir spezzjoni mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sajd, jarmu kollox il-baħar. Is-Sur Azzopardi għarrfu wkoll li riċentement instab tonn mejjet fl-imħawi ta' Pembroke bis-snanar ġo ħalqu. Apparti dan is-Sur Azzopardi rrefera li ftit jiem qabel, il-ħaddiema tiegħu kienu għaddejjin bl-operazzjoni tal-qatla tat-tonn li ssir kull tant żmien, f'liema proċess jitneħħa l-intern u jinġabar f'boroż kbar li jesgħu madwar 400 kilo-il waħda. Inċidentalment, waħda minn dawn il-boroż inqatgħet u l-kontenut tagħha ħareġ.

11.5. Is-Sur Azzopardi għadda kopja ta' rapport li sar f'Awwissu 2016 mid-ditta Ecoserv, dwar il-kwalità tal-ilma u qiegħ-il baħar fl-inħawi fejn hemm il-gaġġeġ tat-tonn ta' Azzopardi Fisheries Ltd. Ir-rapport preċedenti sar f'Mejju tal-istess sena. Kopja ta' dawn ir-rapporti ġew mgħoddija lill-Kunsill flimkien ma' CD li fih dokumentarju dwar il-proċess kollu tat-tkabbir u l-ipproċessar tat-tonn.

11.6. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni t-tagħrif mogħti, kif ukoll id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, u d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura, li permezz tagħha l-*fishfarms* tat-tonn ser jinħarġu 6 kilometri ʻl barra mill-kosta tax-xlokk. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir proposta lill-awtoritajiet konċernati sabiex il-gaġeġġ tat-tonn li attwalment jinsabu fit-tramuntana jibqgħu f'din id-direzzjoni, minħabba raġunijiet soċjali li jinvolvu l-ħaddiema konċernati li fil-parti l-kbira minnhom ġejjin mit-tramuntana, kif ukoll minħabba li l-operazzjoni fuq l-art marbuta magħhom hija bbażata fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

11.7. Kien hemm qbil li l-awtoritajiet konċernati għandhom jiġu mistoqsija jekk isirx monitoraġġ fuq l-effetti li jħallu l-*fishfarms* tal-awrat u l-ispnott fuq l-ilma u qiegħ-il baħar.

## 12.1. Ftehim dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli (K/6/11)

12.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-ftehim li jkopri s-servizz dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli ma' Green MT Ltd, ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016. Huwa staqsa jekk il-Kunsill għandux l-intenzjoni li jġeddu jew li jottjenieħ permezz ta' xi skema oħra.

12.3. Is-Sindku kkummenta li meta wieħed jara l-aħħar ftehim li sar ma' Green MT Ltd, jara li dan ġie mplimentat kollu, filwaqt li l-ispetturi tagħhom qed kontinwament ikunu fil-lokalità biex jirrappurtaw u jaġixxu fuq l-abbużi li jsiru billi javviċinaw lil min ikun responsabbli.

12.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li s-servizz qiegħed jieħu parti kbira mill-ġurnata. Is-Segretarju wieġeb li kemm-il darba jiżdied scammel ieħor, ifisser li jirduppjaw l-ispejjeż għall-Green MT Ltd. Is-Sindku fakkar li l-iskart riċikklabbli jittieħed Wied il-Għajn u mhux fil-Magħtab u għalhekk il-vjaġġ biex jinħatt l-iskart jieħu aktar fit-tul.

12.5. Il-Kunsillier E. Bartolo fakkar li fil-ftehim il-ġdid jeħtieġ li jipprovdi għal żewġ ġabriet tal-ħġieġ bieb-bieb fix-xahar.

12.6. Kien hemm qbil li kopja tal-aħħar ftehim għandha tiġi mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill.

**13.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2015, ġie approvat fis-Seduta Nru. 56 tal-24 ta' Mejju 2016, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Regolamenti 16 u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzi miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-baġit tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2015 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku.".***

**(F/1/2/Vol VIII)**

13.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

**14.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

14.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjonijiet li kien hemm f'seduti preċedenti, u ppropona li ssir laqgħa mad-diriġenti tas-soċjetà Din l-Art Ħelwa sabiex jiġi finalizzat it-test tal-ftehim, fil-preżenza tal-konsulent legali tal-Kunsill.

14.3. Kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha ssir fis-7 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm.

**15.1. Tħejjijiet għall-*EDEN Network Meeting* (T/12/2)**

15.2. Is-Sindku aċċenna għall-konferenza u attivitajiet oħra li kienu a karigu tal-Kunsill, liema attività seħħet fil-25 ta' Ottubru 2016. Huwa kkummenta li andament tagħha kien tajjeb ħafna u rringrazzja lill-Viċi Sindku C. Bartolo li kien responsabbli mill-kordinazzjoni tagħha, kif ukoll lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini u l-uffiċjal is-Sur Stephen Borg, flimkien mal-*helpers* is-Sinjura Doriette Fenech. Irringrazzja wkoll lill-Kunsillier J. Gauci u H. Fenech li attendew għall-konferenza.

15.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-konferenza li jmiss ser tittratta it-Turiżmu Kulturali.

**16.1. Kors ta' żfin Zumba (E/3/1/8)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li saru arranġamenti sabiex jerġa' jibda jsir il-kors imsemmi, nhar ta' Tnejn u l-Erbgħa, li jikkonsisti f'sitt sessjonijiet. Dan isir fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja bil-prezz ta' €30 kull persuna.

16.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**17.1. Użu ta' faċilitajiet fil-Park tal-Familja minn għaqdiet sportivi bbażati fil-lokalità (S/4/1/5)**

17.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mis-Sur Ivan Cassar – President tal-Mellieħa Athletic Club – li talab permess sabiex ipoġġi xi tagħmir użat fl-atletika f'waħda mill-kmamar li hemm fid-*dressing rooms* tal-Park tal-Familja.

17.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li l-kmamar użati bħala *stores* diġa qed jintużaw biex jitqiegħed tagħmir ieħor tal-Mellieħa Tritons Sports Club, tal-*weight lifting* u dak tal-Malta Kyokushin Federation.

17.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm iċ-ċwievet jinżammu mill-kustodju tal-park.

## 18.1. Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieha u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)

18.2. Is-Segretarju għarraf li l-perit maħtur mill-Qorti fil-kawża msemmija hawn fuq talab li jiġi estiż is-*survey* topografiku li sar waqt li kienet għaddejja l-istess kawża. Fir-rikors tiegħu, il-perit talab ukoll lill-Qorti sabiex:

(a) Testendi l-inkarigu tal-perit ġudizzjarju biex tkopri l-istudji preliminari, ibbażati fuq ir-rapport u skizz tal-Perit Pace ħalli tkun tista' tasal għal *working drawings*;

(b) Testendi l-inkarigu tal-perit ġudizzjarju biex isiru stimi tax-xogħlijiet ibbażati fuq il-*working drawings* imsemmija f'paragrafu (a);

(c) Tordna lill-Kunsill Lokali iqabbad is-*surveyor* tiegħu biex jestendi *survey* eżistenti bil-għan li jinkludu d-dettal speċifikat, fi żmien gimgħatejn mill-inkarigu. Dan sabiex jinkudi Triq Ġużè Flores u aktar tulijiet fi Triq Antonio Falzon u fi Triq Toni Pace.

(d) Testendi ż-żmien stipulat imsemmi fis-sentenza - 60 ġurnata - li skattat mis-17 ta' Awwissu mal-ħatra tal-Perit M.L. Caruana Galea, għal żmien ta' xahrejn u nofs li jiskattaw mid-data tar-risposta ta' dan ir-rikors.

18.3. Is-Segretrju kompla jgħid li hekk kif sar magħruf li r-rikors kien intlaqa' mill-Qorti, huwa nkariga lid-ditta li kienet għamlet is-*survey* oriġinali sabiex tagħmel ix-xogħol mitlub mill-perit tal-Qorti fiż-żmien stipulat.

18.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fir-rikors tiegħu, il-Perit Caruana Galea qalet li l-ispejjeż tax-xogħlijiet professjonali tal-Perit Tekniku biex jitwettqu dawn l-istudji, isir stima tax-xoghlijiet proposti u s-sorveljanza tax-xogħlijiet jammontaw għal €3,500 (eskluża il-VAT). Din l-istima hija ibbażata fuq xogħlijiet li huwa kkalkulat li jitwettqu fi żmien tlett gimgħat, u għalhekk ittieħdu 15-il siegħa ta' supervizjoni fl-istima. Jekk il-kuntrattur idum aktar minn tlett ġimgħat biex itemm ix xogħol, jew inkella l-Perit ikun mgħajjat mill-istess kuntrattur b'mod illi l-15-il siegħa jinqabżu, hawnhekk tapplika tariffa addizzjonali ta' €60 is-siegħa, skont it-Tariffa K – Drittijiet li jitħallsu lill-Periti) Kap 12 – Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

18.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 19.1. Tisbiħ tat-taraġ ta' fuq fi Triq San Publiju (P/4/17)

19.2. Is-Sindku għarraf li s-Sinjura Carmen Azzopardi ppreżentat protest ġudizzjarju fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru 2016, dwar ix-xogħlijiet imsemmija li attwalment għaddejjin fil-parti li tinsab bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa. Fl-istess protest ġie allegat li saret ħsara fuq il-proprjetà tas-Sinjura Azzopardi billi ntuża makkinarju ġoff, filwaqt li l-mod kif ġie ddisinjat il-proġett, ser jikkawżala danni fl-istess proprjetà bi dħul tal-ilma. Is-Sur J. Buttigieg qal li dawn l-allegazzjonijiet ġew imwieġba permezz ta' kontro-protest ippreżentat fil-___ ta' Novembru 2016.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

19.4. Is-Sindku għarraf ukoll li saret laqgħa fuq il-post mal-uffiċjali tad-distrett ta' Enemalta plc u l-kuntrattur inkarigat mill-elettriku, fejn ġie ssuġġerit li jitneħħew id-dwal kollha illi hemm fil-*bill of quantities* u jitħallew biss erba' fanali ornamentali li jitqabbdu mas-sistema tad-dwal tat-toroq, sabiex jissosstitwixxu l-lampa eżistenti.

19.5. Il-Kunsill approva dan it-tibdil.

## 20.1. Attendenza mill-impjegati tal-Kunsill (P/7/1/Vol X)

20.2. Is-Sindku aċċenna li l-impjegata Yvonne Muscat ilha numru ta' ġimgħat ma' tidħol għax-xogħol minħabba nċident li ġralha. Min-naħa l-oħra mpjegat ieħor Christian Mifsud ser ikun rtirat għal madwar tliet ġimgħat minħabba kura li ser jirċievi, filwaqt li Marica Azzopardi ser tkun kostretta

tieħu l-*leave* tagħha f'Novembru u Diċembru. Is-Sur J. Buttigieg qal li din iċ-ċirkostanza tista' taffettwa l-andament tax-xogħol mistenni mill-Kunsill u għalhekk ippropona li jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar rimedji possibbli sabiex dan ma jiġrix.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa mis-Sindku.

## 21.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2016 (F/5)

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li bħalma sar fi snin oħra, qed isiru t-tħejjijiet sabiex il-Kunsill jieħu sehem fl-attivita` imsemmija li ser issir bejn id-9 u t-12 ta' Novembru 2016 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. L-armar tal-i*stand* ser isir fit-8 ta' Novembru.

21.3. Il-Kunsill qabel li fl-okkażjoni tal-fiera, il-prezzijiet tal-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill għandhom jiġu skontati kif ġej:

| | ISEM TAL-KTIEB | PREZZ |
|---|---|---|
| 1 | Il-Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien | €10.00 |
| 2 | L-Istorja tal-Mellieħa - Dati Storiċi | €6.50 |
| 3 | CD El Mellaħa Grajjietha | €5.50 |
| 4 | F'każ li l-pubblikazzjonijiet 2 u 3 jinbiegħu flimkien | €8.00 |
| 5 | CD Imħabba fuq il-Għolja | €3.50 |
| 6 | Quest for Identity | €6.50 |
| 7 | Iz-Zija tal-Mellieħa | €3.50 |
| 8 | Wartime Mellieħa (Vol I & Vol II) | €6.50 |
| 9 | Għanja ta' Ħajti – Antħony Fenecħ | €5.50 |

21.4. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni proposta kif ukoll l-prezzijiet tal-pubblikazzjonijiet skontati għall-bejgħ li jsir waqt il-fiera.

## 22.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-inizjattiva li qed tittieħed mill-Kunsill permezz ta' erba' voluntieri – is-Sinjuri Frank Gauci, Liam Gauci, Natalie Kuċħev u Joanne Vella. Kompliet tgħid li dawn bejniethom jmorru tliet darbiet kuljum fir-remissa fejn jinżammu temporanjament il-qtates li jkunu ġew trattati mill-veterinarju. Il-ħlas illi qed jitlob il-veterinarju li għandu klinika fil-Mellieħa ħija ta' €35 kull qattusa u €20 għal qtates irġiel. Ħija qalet illi l-intervent li jmiss jinvolvi l-kolonja tal-qtates li hemm fil-ġnien tad-dar tal-anzjani.

22.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 23.1. Jum Dinji tat-Tfal (A/5/3/Vol XIII)

23.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 60 tal-25 ta' Lulju 2016, meta ġie miftieħem li dan l-avveniment jiġi mfakkar b'attività għat-tfal. Ħija pproponiet li dan jiġi mfakkar nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2016, bejn it-3.00pm u l-5.00pm fil-Park tal-Familja.

23.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**24.1. Jum in-Nanniet u Jum il-Ktieb (A/1/1/Vol II)(A/5/3/Vol XII)**

24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li Jum in-Nanniet jiġi mfakkar fid-9 ta' Novembru 2016, filwaqt li Jum il-Ktieb ser isir f'April 2017. Ħija qalet li ser ikollħa laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja billi dawn iż-żewġ attivitajiet ser jinvolvu t-tfal.

24.3. Il-Kunsill innota u approva l-iniżjattivi proposti.

**25.1. Attivitajiet marbuta mal-Milied (A/5/3/7)**

25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ipproponiet li l-attivita` tat-tfal marbuta mal-Milied issir nhar it-Tnejn 13 ta' Diċembru 2016 fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja.

25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

25.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li qed isiru kuntatti sabiex jinġieb *sponsorship* mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Huwa qal li r-reklamar diġa għaddej fuq il-*media* soċjali u s-sit elettroniku tal-Kunsill u possibilment fuq il-mezzi tax-xandir.

25.5. Is-Sur C. Bartolo, qal ukoll li bi tħejjija għall-Milied Mellieħi 2016, ser issir laqgħa għall-għaqdiet tal-Mellieħa u l-Manikata fit-3 ta' Novembru 2016 fis-7.00pm fis-Sala tal-Kunsill. Laqgħa għall-istess għan ser issir għas-sidien ta' negozji fis-17 ta' Novembru 2016 fis-2.00pm fl-istess sala.

25.6. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss sabiex jingħataw aktar dettalji dwar il-programm u l-baġit relattiv.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.40pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**